REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1023/2011

tal-14 ta' Ottubru 2011

li jibda l-proċedura ta' sejħa għall-offerti rigward għajnuna għall-ħżin privat taż-żejt taż-żebbuġa

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [Ir-Regolament dwar l-OKS Unika] [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 43(a), (d) u (j) flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li l-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tawtorizza lil entitajiet li joffru garanziji suffiċjenti, u approvati mill-Istati Membri, biex jikkonkludu kuntratti għall-ħżin taż-żejt taż-żebbuġa li jikkummerċjalizzaw fil-każ ta' disturb serju fis-suq f'ċerti reġjuni tal-Unjoni Ewropea.

(2) Fi Spanja, il-prezz medju taż-żejt taż-żebbuġa verġni rreġistrat fis-suq matul il-perjodu speċifikat fl-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 826/2008 tal-20 ta' Awwissu 2008 li jipprovdi regoli komuni għall-għotja ta' għajnuna għall-ħażna privata [ħżin privat] ta' ċerti prodotti agrikoli [2], huwa iktar baxx mil-livell indikat fl-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007. Fi Spanja, il-prospettiva ta' ħsad tajjeb konsekuttiv u l-akkumulazzjoni ta' stokkijiet joħolqu żbilanċ bejn il-provvista u d-domanda li jeżerċita pressjoni 'l isfel fuq il-prezzijiet taż-żejt taż-żebbuġa verġni u jikkawża disturb serju fis-suq Spanjol. Spanja hija l-iktar produttur importanti taż-żejt taż-żebbuġa fl-Unjoni u tidderiġi l-prezz tiegħu. Is-suq tal-Unjoni taż-żejt taż-żebbuġa għandu karatteristika ta' interdipendenza għolja ħafna u għalhekk id-disturb serju tas-suq Spanjol jhedded li jinxtered mal-Istati Membri kollha li jipproduċu ż-żejt taż-żebbuġa.

(3) L-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li għajnuna għal ħżin privat tista' tingħata għaż-żejt taż-żebbuġa u li l-Kummisjoni għandha tiffissa l-għajnuna bil-quddiem jew permezz ta' proċedura ta' sejħa għall-offerti.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 826/2008 stabbilixxa regoli komuni għall-implimentazzjoni tal-iskema ta' għajnuna għall-ħżin privat. Skont l-Artikolu 6 ta' dak ir-Regolament, għandha tinbeda proċedura ta' sejħa għall-offerti skont ir-regoli dettaljati u l-kundizzjonijiet ipprovduti fl-Artikolu 9 tiegħu.

(5) Il-kwantità globali sa fejn għandha tingħata l-għajnuna għall-ħżin privat għandha tkun iffissata f'livell li, skont l-analiżi tas-suq, għandu jikkontribwixxi biex jistabbilizza s-suq.

(6) Biex jiġi ffaċilitat ix-xogħol amministrattiv u ta' kontroll rigward il-konklużjoni ta' kuntratti, għandha tkun iffissata l-kwantità minima ta' prodott li kull offerta jeħtiġilha tipprovdi.

(7) Għandha tiġi ffissata garanzija sabiex tiżgura li l-operaturi jissodisfaw l-obbligi kuntrattwali tagħhom u li l-miżura jkollha l-effett mixtieq fis-suq.

(8) Fid-dawl tal-iżviluppi fil-qagħda tas-suq fis-sena tas-suq attwali u t-tbassir għas-sena tas-suq sussegwenti, il-Kummissjoni għandu jkollha l-possibbiltà li tiddeċiedi li tqassar iż-żmien tal-kuntratti li jkunu qed jiġu eżegwiti u li taġġusta skont dan il-livell tal-għajnuna. Jeħtieġ li dik il-possibbiltà tkun inkluża fil-kuntratt, kif jipprovdi l-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 826/2008.

(9) Skont l-Artikolu 12(3) tar-Regolament (KE) Nru 826/2008, jeħtieġ li jiġi ffissat il-perjodu ta' żmien biex l-Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-offerti validi kollha.

(10) Sabiex ma jitħalliex li l-prezz jaqa' bla kontroll, ikun hemm reazzjoni malajr għall-qagħda eċċezzjonali tas-suq u tiġi żgurata ġestjoni effiċjenti ta' din il-miżura, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(11) Il-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli ma tax l-opinjoni tiegħu fl-iskadenza stipulata mill-President tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

1. B'dan qed tinbeda proċedura ta' sejħa għall-offerti sabiex tiddetermina l-livell ta' għajnuna għall-ħżin privat imsemmi fl-Artikolu 31(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għaż-żejt taż-żebbuġa kif iddefinit fil-punt 1(b) tal-Anness XVI għal dak ir-Regolament.

2. Il-kwantità globali sa fejn tista' tingħata l-għajnuna għall-ħżin privata għandha tkun 100 000 tunnellata.

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 223, 21.8.2008, p. 3.

Artikolu 2

Regoli applikabbli

Ir-Regolament (KE) Nru 826/2008 għandu japplika, sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor f'dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Tressiq ta' offerti

1. Is-subperjodu li fih jistgħu jitressqu l-offerti bħala tweġiba għall-ewwel sejħa parzjali għall-offerti għandu jibda fid-19 ta' Ottubru 2011 u jintemm fil-25 ta' Ottubru 2011 fil-11:00, ħin ta' Brussell.

Is-subperjodu li fih jistgħu jitressqu l-offerti bħala tweġiba għat-tieni sejħa parzjali għall-offerti għandu jibda fl-ewwel ġurnata tax-xogħol wara tmiem is-subperjodu preċedenti u jintemm fit-8 ta' Novembru fil-11:00, ħin ta' Brussell.

2. L-offerti għandhom ikunu relatati ma' perjodu ta' ħżin ta' 180 ġurnata.

3. Kull offerta għandha tkopri kwantità minima ta' mill-anqas 50 tunnellata.

4. Fejn operatur jieħu sehem fi proċedura ta' sejħa għall-offerti għal aktar minn kategorija waħda ta' żejt jew għal tankijiet li jinsabu f'indirizzi differenti, għandu jressaq offerta separata f'kull każ.

5. L-offerti jistgħu jitressqu biss fil-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, Ċipru, Malta, il-Portugall u s-Slovenja.

Artikolu 4

Garanziji

L-offerenti għandhom jistabbilixxu garanzija ta' EUR 50 għal kull tunnellata ta' żejt taż-żebbuġa koperta b'offerta.

Artikolu 5

Tqassir tat-tul ta' żmien tal-kuntratti

Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, abbażi tal-iżviluppi fis-suq taż-żejt taż-żebbuġa u l-prospetti għall-ġejjieni, li skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, tqassar it-tul ta' żmien tal-kuntratti li jkunu qed jiġu eżegwiti u taġġusta l-ammont tal-għajnuna skont dan. Il-kuntratt mal-offerent li jintgħażel għandu jinkludi referenza għal din l-għażla.

Artikolu 6

Notifika lill-Kummissjoni dwar l-offerti

F'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 826/2008, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'kull offerta valida separatament, fi żmien 24 siegħa minn tmiem kull subperjodu tal-offerti kif imsemmi fl-Artikolu 3(1) ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 7

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussell, l-14 ta' Ottubru 2011.

Għall-Kummissjoni
Joaquín ALMUNIA
Viċi-President